# TFITTXIJA GĦAL ATLANTIS (8)

## Fehmiet oħra dwar Atlantis



JOSEPH SERRACINO



Nettunu, l-alla tal-baħar, kellu ħames pari ta' tewmin minn mara mortali u ħatar il-kbir fosthom, Atlas, bħala sultan tal-gżira sabiħa tiegħu

Critas jgħidilna li l-flotta tal-Atlantjani kienet mgħammra tajjeb u għalhekk it-trasport tal-prodotti tagħhom kien isir billejl u binhar. Issa nafu, u dan jikkonfermah ukoll Platun, li Solon li fi żmienu kien leġiżlatur magħruf, fil-manuskritt tiegħu kiteb eżattament x'kien qallu l-Qassis il-Kbir Eġizzjan Psonchis u għalhekk żgur li ma kellu l-ebda skop li jivvinta stejjer kif jaħsbu xi whud.

Fid-djalogu ta' Platun insibu li Nettunu, l-alla tal-baħar, kellu ħames pari ta' tewmin minn mara mortali. Huwa ħatar lil Atlas, l-akbar wieħed fosthom sultan tal-gżira sabiħa tiegħu. Platun jiddiskrivi lil Atlantis bħala gżira kontinent fil-Punent tal-Mediterran mdawra bl-Oċean Atlantiku.

Bil-Grieg, il-kelma Atlantis tfisser il-gżira ta' Atlas kif il-kelma Atlantiku tfisser l-Oċean ta' Atlas. Atlantis kienet amministrata fil-paċi, kotrana fil-kummerċ ma' artijiet oħra, avvanzata ħafna fit-teknoloġija u tiddomina l-kontinenti u lill-gżejjer ta' madwarha.

L-amminstrazzjoni ta' din il-gżira kienet organizzata tajjeb u s-sultan kellu poter assolut fuq il-poplu tiegħu. Għalkemm il-mexxejja ta' din il-gżira kienu jobdu l-liġijiet tal-alla Nettunu li kienu skolpiti fuq il-kolonni tat-tempju, is-sultan kellu setgħa li jikkastiga lil dawk ta' taħtu u saħansitra anke jagħti s-sentenza tal-mewt lil kulħadd barra lill-qraba tiegħu. F'dan il-każ, hu kien jeħtieġ l-approvazzjoni tal-maġġoranza.

Skont il-ġrajja ta' Platun, maż-żmien il-poplu ta' Atlantis sar kompjaċenti ħafna u l-mexxejja tagħhom saru arroganti ħafna. Din l-imġiba inkurlat tant lil allat li qerduha f'katakliżma li ħadet biss ftit sigħat – lejl u ġurnata.

Kif aċċennajt f'taqsimiet oħra, mhux l-istudjużi kollha jaqblu mal-istess teoriji. Xi drabi, dan in-nuqqas ta' qbil, interpretazzjonijiet differenti jew fehmiet ġodda dwar xi setgħu seħħew ċerti avvenimenti storiċi matul il-milja taż-żmien kapaċi jsaħħu u jistimulaw lir-riċerkaturi fix-xogħol tagħhom.

Fortunatament fi żmienna, dawn l-istudjużi jiltaqgħu flimkien f'diversi konferenzi fejn tingħatalhom l-opportunità u ċ-ċans li juru fehemthom ma' sħabhom u jiddibattu flimkien teoriji differenti, u li finalment tista' twassalhom għall-konklużjonijiet tagħhom.

Din ir-riflessjoni qiegħed nagħmilha għax jien naħseb li l-kittieba antiki li kienu jgħixu 'l bogħod minn Ateni (mhux kollha) biex ma ngħidx f'pajjiżi oħra, aktarx kienu jsibuha diffiċli ħafna biex jivvjaġġaw minn post għall-ieħor biex jiltaqgħu flimkien u għalhekk ċerti skoperti li jkunu għamlu mhux kulħadd kien ikun jaf bihom.

Xi kultant issib kittieba storiċi oħra li juru fehemthom wara li jkunu studjaw ċerti aspetti taċ-ċirkustanzi li jkollhom quddiemhom. Sintendi, hawnhekk ukoll tista' isib min ma jaqbilx magħhom! Xi kittieba jaħsbu li Solon fil-vjaġġ tiegħu fl-Eġittu sar jaf bil-ġrajjiet ta' Keftiu, li skont il-leġġenda Eġizzjana, din il-gżira antika kellha ċiviltà avvanzata ħafna u li kienet taħkem fuq l-artijiet fil-Punent tal-Eġittu.

Keftiu kienet tikkummerċja fl-avorju, ramm u fi drappijiet magħmulin mill-insiġ tal-qoton u s-suf kif ukoll kellha flotta kbira li kienet tikkontrolla l-kummerċ 'l bogħod mid-dominju Eġizzjan. Skont il-leġġendi Eġizzjani, Keftiu kienet għerqet taħt wiċċ l-ilma fl-apokalissi.

Dawn il-kittieba jsostnu, li meta Solon reġa' lura fil-Greċja rrakkonta dawn il-leġġendi lil ibnu Dropides u dan irrakkontahom lin-neputih Critias. Mill-ġdid Critias reġa' rrakkontahom lil ibnu li kien jismu Critias bħalu, u dan min-naħa tiegħu reġa' rrakkontahom kif semagħhom lil Platun. Xi wħud minn dawn il-kittieba huma tal-fehma li f'kitbiet antiki, l-istorja, il-leġġendi u l-ħrejjef xi kultant ġew imħalltin flimkien, u għalhekk jista' jagħti l-każ li l-ġrajja ta' Atlantis ta' Platun fil-fatt hija repetizzjoni tal-ġrajja ta' Keftiu tal-Eġittu, iżda rrakkontata b'mod differenti u mogħtija isem ġdid. Aktarx li dawn il-kittieba waslu għal din il-konklużjoni meta pparagunaw it-tixbiħat kbar li jeżistu fir-rakkont ta' Keftiu mqabbel ma' dak ta' Atlantis ta' Platun.

Jgħidulek ukoll li meta Platun identifika l-post ta' Atlantis fil-Punent tal-Mediterran, fil-reatá l-leġġenda Eġizzjana tqiegħed lil Keftiu fil-Punent tal-Eġittu u mhux neċessarjament fil-Punent tal-Mediterran. Huma jaħsbu li meta Platun iddiskriva lil Atlantis bħala gżira jew kontinent fl-Oċean Atlantiku, jista' jkun li kien żbaljat fl-interpretazzjoni tal-leġġenda Eġizzjana li hu kien qiegħed jirrakkonta.

Aktarx li Atlantis kellha kultura Minoana bħall-gżejjer ta' Kreta u Thera, u għalhekk, jekk din l-ipotesi hi korretta, allura jista' jagħti l-każ li Platun ma rrealizzax li hu diġà kien familjari magħha. Barra minhekk ħafna mil-leġġendi antiki Griegi seħħew fi Kreta aktar minn 1,000 sena qabel Platun.

L-istoriċi jsostnu li wara 1,000 sena ta' dominanza assoluta l-kultura Minoana ntemmet f'daqqa waħda għal ħabta ta' 1,470 sena qabel Kristu.

Iżda x'ġara mil-leġġenda li skond l-Eġizzjani tal-qedem Keftiu jew Atlantis inbelgħet mill-mewġ ġgantesk f'ġurnata u lejl wieħed? Din ukoll għandha l-bażi storika tagħha. It-traċċi ta' evidenza jeħduna fil-gżira żgħira ta' Santorini magħrufa wkoll bħala Thera, li fl-antik kienet tagħmel parti mill-artijiet Minoani u li tinsab madwar 75 kilometru fil-Majjistral tal-gżira ta' Kreta. Jingħad li fiċ-ċentru ta' din il-gżira kien jeżisti vulkan kbir għoli madwar 1,500 metru mill-baħar. Dan il-vulkan beda l-iżbruffar tiegħu fl-1,500 sena qabel Kristu sakemm finalment żbroffa b'mod katastrofiku fl-1470 Q.K. Jingħad li l-uniku bini li ħeles mit-terremoti tal-biża' li kkaġuna dan l-iżbroff vulkaniku kien il-palazz ta' Knossos li kien bena Daedalus.

Mill-gżira ta' Santorini llum baqa' biss ix-xifer ta' dan il-vulkan bil-baħar Eġew jgħatti kompletament il-kaldera tiegħu. Waqt li l-abitanti tal-gżira ta' Santorini jħaffru għall-irmied vulkaniku biex jagħmlu s-siment minnu għadhom isibu l-fdalijiet tal-qedem taħt il-ġebel. L-irmied issa sar ħamrija u siġar taż-żebbuġ, tal-lariġ, lumi u frott ieħor jgħattu l-pajsaġġi li darba kienu jsebbħu lil Atlantis, u li skont dawn il-kittieba partijiet oħra minn Kreta, Santorini u aktarx xi gżejjer fl-Eġew għadhom midfunin. Waqt li l-abitanti ġodda bnew mill-ġdid lil Kreta, ħafna fdalijiet tal-qedem għadhom xhieda ta' Atlantis. Platun isemmi wkoll barrin fit-tempji ta' Atlantis. Fil-fatt evidenza arkeoloġika turi li l-Minoani kienu jibnu l-areni tagħhom li fihom kien isir is-sarar tat-toru (gendus) u jipprattikaw il-qbiż tal-barri bħala sport jew ritwal reliġjuż.

Jingħad ukoll li Atlantis kienet qrib id-daħla magħrufa aħjar bħala l-Kolonni ta' Herculis. Għalkemm l-Istrett ta' Ġibiltà hu magħruf b'dan l-isem, fil-fatt insibu wkoll grupp ċirkulari ta' gżejjer fil-baħar Eġew magħrufin bħala l-gżejjer Ċikladitá li wkoll insibuhom bl-istess isem.

Atlantis kienet potenza qawwija li ħakmet artijiet akbar mil-Libja u l-Asja kif ukoll il-gżejjer ta' madwarha. Kellha baċiri, imħażen kbar għall-flotta tagħha u l-akbar portijiet tagħha kienu mimlijin bil-bċejjeċ u l-qxur tal-baħar ta' pajjiżi oħra.

Fil-fatt, l-ibħra u l-influwenza ekonomika kkontrollati mill-Minoani kienu jinkludu l-Afrika ta' Fuq, il-Mediterran u l-Asja Minuri waqt li jingħad ukoll li l-ebda potenza oħra fi żmienhom ma kien jgħaddihom għall-kobor tal-flotta tagħhom.

Waqt li Platun fid-djalogu tiegħu jiddiskrivi żewġ nixxigħat ta' ilma speċi ta' funtani li kienu joħorġu millart, waħda tarmi ilma sħun u l-oħra ilma kiesaħ kienu jeżistu wkoll il-banjijiet tassultan u oħrajn privati.

Fit-tiftix tagħhom, l-arkeologi rnexxielhom isibu wkoll sistema sofistikata ta' drenaġġ, pajpijiet tal-ilma fil-gżejjer ta' Kreta u Thera, kif ukoll tojlits b'sistema talilma fi djar privati. Mit-tiftix li sar irriżulta wkoll li Minoani kienu jsaħħnu d-djar tagħhom b'sistema ta' toqob jew fetħiet idrotermali li permezz tagħhom setgħu jkollhom l-ilma sħun u kiesaħ.

*ikompli darba oħra*